# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** __________

## TAQSIMA A

**(10 marki)**

**Wieġeb.**

1. X'ikel ipprovdielhom Alla lil-Lhud meta kienu fid-deżert?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. X'inhu dak il-ħobż li jagħtina Ġesù llum?

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Min kien il-mexxej tal-Lhud li daħħalhom f'Kangħan?

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Għaliex żmien David kien l-isbaħ żmien tal-poplu Lhudi?

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Liema belt għamel David bħala l-kapitali tal-Palestina?

_______________________________________________

_______________________________________________

6. X'kienet il-wegħda li Alla għamel lil David?

_______________________________________________

_______________________________________________

7. Meta seħħet din il-wegħda?

_______________________________________________

_______________________________________________

8. X'kien ix-xogħol li Alla ta lill-profeti fit-Testment il-Qadim?

_______________________________________________

_______________________________________________

9. Semmi profeta tat-Testment il-Qadim.

______________________________________________

______________________________________________

10. F'liema parti mill-quddiesa tal-Ħadd naqraw mit-Testment il-Qadim?

______________________________________________

______________________________________________

*(10 x marka)*

## TAQSIMA B (10 marki)

**Semmi:**

1. Miraklu ta' fejqan li għamel Ġesù. *(marka)*

______________________________________________

2. Miraklu ta' abbundanza li għamel Ġesù. *(marka)*

______________________________________________

3. Miraklu li għamel Ġesù biex jeħles lil xi ħadd mill-ħażen. *(marka)*

______________________________________________

4. It-tliet festi l-kbar tal-Lhud. *(3 marki)*

______________________________________________

5. Erba' affarijiet li juru r-rabta qawwija li teżisti bejn Malta u r-reliġjon nisranija. (eż: niċeċ) *(4 marki)*

______________________________________________

## TAQSIMA Ċ (10 marki)

**Ikteb sentenza biex turi li taf xi jfissru dawn il-kelmiet.**

1. Sinedriju ______________________________________________

______________________________________________

2. Fariżej ______________________________________________

______________________________________________

3. Sadduċej ______________________________________________

______________________________________________

4. Pubblikani ______________________________________________

______________________________________________

5. Samaritani ______________________________________________

______________________________________________

*(5 x 2 marki)*

## TAQSIMA D **(12-il marka)**

**Aqra u wieġeb.**

***"Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu. Sitt ijiem taħdem u tagħmel kull ma għandek tagħmel; imma s-seba' jum hu jum il-mistrieħ f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek."***

*(Eżodu 20,8)*

1. F'liema jum tal-ġimgħa l-Lhud jieqfu mix-xogħol? *(marka)*

___

2. X'jiftakru l-Lhud f'dan il-jum? *(2 marki)*

___

3. Liema jum tal-ġimgħa bdew iqaddsu l-insara tal-bidu? *(marka)*

___

4. Għaliex l-insara bdew iqaddsu dan il-jum? *(2 marki)*

___

5. a. X'inhi l-iktar ħaġa importanti li għandu jagħmel in-nisrani f'dan il-jum? Għaliex? *(3 marki)*

___

   b. Semmi 3 affarijiet **oħra** li n-nisrani għandu jagħmel f'dan il-jum u fisser għaliex. *(3 marki)*

___

## TAQSIMA E **(20 marka)**

**Ġesù kien jgħallem bil-parabboli.**

1. X'inhi parabbola? *(2 marki)*

___

2. Għaliex Ġesù kien jgħallem bil-parabboli? *(2 marki)*

___

**Aqra dawn il-parabboli u wara wieġeb.**

***"Tixbah ukoll is-Saltna tas-Smewwiet lil xibka mitfugħa l-baħar li fiha jinġema' minn kollox. Meta timtela' jtellgħuha x-xatt u joqogħdu bilqiegħda jiġbru fil-kannestru dak li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin. Hekk jiġri fi tmiem id-dinja: l-anġli joħorġu jifirdu l-ħżiena mill-ġusti u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien."***

*(Mt. 13,47-50)*

3. Ma' min xebbah Ġesù l-ħut it-tajjeb u l-ħut il-ħażin? *(2 marki)*

___

4. X'ried jgħallimna Ġesù b'din il-parabbola? *(6 marki)*

___

***U Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola: "Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha? U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar, isejjaħ għandu lil ħbiebu u l-ġirien u jgħidilhom: Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli."***

*(Luqa 15,3-6)*

5. Kif ir-ragħaj tal-parabbola juri l-imħabba lejn kull waħda min-nagħaġ tiegħu? *(2 marki)*

_______________________________________________

6. X'irid jgħallimna Ġesù b'din il-parabbola? *(6 marki)*

_______________________________________________

## TAQSIMA F **(18-il marka)**

**Ġesù għallem bil-kliem u mill-kliem għadda għall-fatti.**

1. a. Kompli din is-sentenza:
   Ġesù ħafer lill-għedewwa tiegħu meta _______________________

   b. Agħti eżempju mill-ħajja ta' studenti ta' l-età tiegħek kif jistgħu jixbhu lil Ġesù f'dan:

   _______________________________________________

2. a. Ġesù kien jitlob spiss. Ġesù talab meta _______________________

   b. Agħti eżempju mill-ħajja ta' studenti ta' l-età tiegħek kif jistgħu jixbhu lil Ġesù f'dan:

   _______________________________________________

3. a. Ġesù kien umli u jgħin meta _______________________

   b. Agħti eżempju mill-ħajja ta' studenti ta' l-età tiegħek kif jistgħu jixbhu lil Ġesù f'dan:

   _______________________________________________

*(6 x 3 marki)*

## TAQSIMA Ġ **(20 marka)**

**Aqra u wieġeb fuq karta separata.**

***"Kienet il-fidi li ġiegħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla meta dan qallu biex imur f'art li kien ser jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn sejjer."***

*(Lhud 11,8)*

1. Ikteb madwar 20 kelma dwar kif kienet il-ħajja ta' Abraham qabel ma kellmu Alla. *(2 marki)*
2. X'ried minnu Alla meta kellmu l-ewwel darba? *(2 marki)*
3. X'kien jisimha l-art li tah Alla? *(marka)*
4. Alla wiegħed lil Abraham li ser ikollu iben. Dan min kien? *(marka)*
5. Alla ried jara jekk Abraham kienx veru jħobbu. Irrakkonta f'madwar 50 kelma din il-prova ta' Abraham. *(8 marki)*
6. Abraham dejjem emmen u obda lil Alla. Kif tista' int tkun tixbah lil Abraham? Wieġeb f'madwar 40 kelma. *(6 marki)*